



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0224/2011**

9.6.2011

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem (COM(2010)0490 – C7-0278/2010 – 2010/0254(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Andres Perello Rodriguez

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	22
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI .....	25
PROĊEDURA.....	40



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li ttrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem (COM(2010)0490 – C7-0278/2010 – 2010/0254(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0490,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0278/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2011<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0224/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 84, 17.3.2011, p. 45.

## Emenda 1

### Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Sabiex jittejjeb il-moviment ħieles tal-meraq tal-frott u ta' ċerti prodotti simili fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman stabbiliet dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-produzzjoni, il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati skont il-progress tekniku u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, partikolarment l-Istandard tal-Codex għall-meraq tal-frott u għan-nektars (Standard tal-Codex 247-2005) li ġie adottat mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius waqt it-28 sessjoni tagħha tal-4-9 ta' Lulju 2005 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (AIJN).

#### *Emenda*

(1) Sabiex ***jitħarsu l-interessi tal-konsumaturi u dawn jiġu provduti b'kemm jista' jkun informazzjoni, ikun żgurat li l-meraq tal-frott huwa tikkettat b'mod ċar u li l-konsumaturi jistgħu jiddistingwu bejn tipi ta' prodotti u sabiex jittejjeb il-moviment ħieles tal-meraq tal-frott u ta' ċerti prodotti simili fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman stabbiliet dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-produzzjoni, il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati. ***Il-kunċetti għandhom jiġu kjarifikati u għandhom jiġu stabbiliti kategoriji ddiferenzjati b'mod ċar sabiex*** dawk ir-regoli jiġu adattati skont il-progress tekniku u jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, partikolarment l-Istandard tal-Codex għall-meraq tal-frott u għan-nektars (Standard tal-Codex 247-2005) li ġie adottat mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius waqt it-28 sessjoni tagħha tal-4-9 ta' Lulju 2005 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (AIJN). ***Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom japplikaw bl-istess mod għal prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni kif ukoll għal prodotti importati.******

---

<sup>1</sup> *ĠU L 10, 31.12.2008, p. 58.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporteur jappoġġa l-bażi legali proposta mill-Kummissjoni (l-Artikolu 43) u jenfasizza r-rwol li għandhom il-kumitatii parlamentari responsabbli biex jiggerantixxu aspetti relatati mas-sikurezza tal-ikel u l-kwalità tal-meraq u ta' prodotti simili, li t-tikkettar tagħhom għandu*

*jiġi revedut sabiex jiġi kjarifikat kwalunkwe aspekk li jista' jfixkel il-konsumatur.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(3) *Bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet, għandha tapplika d-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u (5) tagħha. Għandu jkun indikat b'mod ċar meta prodott ikun taħlita ta' meraq tal-frott u ta' meraq tal-frott minn konċentrat u, għan-nektar tal-frott, meta jinkiseb b'mod sħiħ jew parzjali minn prodott ikkonċentrat. Il-lista tal-ingredjenti fit-tikkettar għandha tinkludi l-ismijiet sew tal-meraq tal-frott kif ukoll tal-meraq tal-frott minn konċentrat li ntużaw.***

*Emenda*

**(3) *Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel<sup>1</sup>, hemm bżonn li jkunu emendati d-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva 2001/112/KE dwar it-tikkettar tal-meraq tal-frott u prodotti simili biex ikunu riflessi r-regoli l-ġodda dwar l-ingredjenti awtorizzati, bħalma huma daww marbutin maż-żieda taz-zokkor, li mhumiex awtorizzati aktar fil-meraq tal-frott. L-użu ta' deskrizzjonijiet qarrieqa jew ambigwi, bħal "meraq tal-frott pur u naturali", li jagħtu l-impressjoni falsa li l-prodott huwa meraq tal-frott magħmul minn frott frisk, għandhom jiġu pprojbiti.***

---

<sup>1</sup> *ĠU L 109 , 06.05.2000, p. 29*

## **Emenda 3**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 3 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(3a) *Il-kliem "bla zokkor miżjud" ilha tintuża għal żmien twil għall-meraq tal-frott. It-tneħħija mil-lum għall-għada ta' indikazzjoni ta' dan it-tip tista' tiżvija l-konsumaturi u twassalhom biex iduru lejn xarbiet oħra li jindikaw din l-***

*Emenda*

*informazzjoni. Jehrieg għalhekk tiġi prevista deroga għal perjodu limitat biex l-industrija jkollha biżżejjed żmien biex tinforma b'mod adegwat lill-konsumaturi.*

#### **Emenda 4**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 1**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għall-prodotti manifatturati minn żewġ frottiet jew aktar, ħlief fejn jintuża l-meraq tal-lumi u tal-lajm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II.2 tal-Anness I, l-ismijiet tal-prodotti għandhom ikunu supplimentati b'lista tal-frott użat, f'ordni mill-akbar sal-anqas volum tal-meraq tal-frott jew tal-purejiet tal-frott inkluż. Iżda, fil-każ ta' prodotti mmanifatturati minn tliet frottiet jew aktar, l-indikazzjoni tal-frott użat tista' tinbidel bil-kliem "ħafna frott" jew kliem simili, jew minn numru ta' frott użat.

#### *Emenda*

3. Għall-prodotti manifatturati minn żewġ frottiet jew aktar, ħlief fejn jintuża l-meraq tal-lumi u tal-lajm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II.2 tal-Anness I, l-ismijiet tal-prodotti għandhom ikunu supplimentati b'lista tal-frott użat, f'ordni mill-akbar sal-anqas volum tal-meraq tal-frott jew tal-purejiet tal-frott inkluż. Iżda, fil-każ ta' prodotti mmanifatturati minn tliet frottiet jew aktar, l-indikazzjoni tal-frott użat tista' tinbidel bil-kliem "ħafna frott" jew kliem simili, jew minn numru ta' frott użat. ***F'kull eventwalità, il-frott kollu għandu jissema fil-lista tal-ingredjenti f'ordni ta' nżul skont il-volum, segwit mill-kwantità, espressa f'persentaġġ, skont ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni fuq l-ikel lill-konsumaturi.***

***Jekk tissema xi frotta fl-isem tal-prodott, l-isem ewlieni tal-prodott għandu jikkorrispondi mal-frotta dominanti.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Anki jekk ma jissemmiex fl-isem tal-prodott, il-frott kollu użat għandu jissema fil-lista tal-ingredjenti. L-isem ewlieni tal-prodott għandu jikkorrispondi mal-frotta dominanti sabiex ikun evitat, ngħidu aħna, isem ta' prodott bħal "Meraq tal-Mirtilli u tal-Lampun" meta dan ikun fih 80% meraq tat-tuffieħ, 10% meraq tal-mirtilli u 10% meraq tal-lampun.*



## Emenda 5

### Proposta għal direttiva – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 1

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-istampi fuq il-pakkett m'għandhomx ifixklu lill-konsumatur dwar il-kompożizzjoni proprja tal-meraq tal-frott.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni ġiet appoġġjata fil-fajl għall-ikel kollu "L-għoti ta' informazzjoni fuq l-ikel lill-konsumaturi". Minħabba li l-ikbar problemi f'dan ir-rigward qed jokkorru minħabba l-meraq tal-frott, il-leġiżlazzjoni settorjali għandha tagħti wkoll lok għal din id-dispożizzjoni.*

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 1

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. In-nektars u l-prodotti speċifiċi tal-Anness III jistgħu jingħataw togħma ħelwa biż-żieda ta' zokkor ***jew*** ta' għasel. ***L-isem tal-bejgħ għandu jinkludi l-kelmiet 'bi ħlewwa miżjud'*** jew ***'b'zokkor miżjud'***, ***segwiti b'indikazzjoni tal-kwantità*** massima ta' zokkor miżjud, ikkalkolata bħala materja xotta u espressa fi grammi għal kull litru."

4. In-nektars u l-prodotti speċifiċi tal-Anness III jistgħu jingħataw togħma ħelwa biż-żieda ta' zokkor, ***ta' għasel jew ta' sustanzi li jagħtu l-ħlewwa. F'tali każi, iż-żieda għandha tissemma b'mod ċar fil-lista tal-ingredjenti, kif stipulat skont il-leġiżlazzjoni attwali, filwaqt li tispeċifika l-kwantità*** massima ta' zokkor miżjud, ikkalkolata bħala materja xotta u espressa fi grammi għal kull litru. ***F'dak li jirrigwarda l-għasel, bl-eċċezzjoni tal-għasel naturali, għandhom jissemmew il-kompożizzjoni sħiħa tiegħu u/jew il-kontenut tiegħu tal-glukożju.***

## Emenda 7

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 1**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 – paragrafu 4 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiddeferenzjaw bejn meraq tal-frott u nektar f'termini tal-kontenut tagħhom taz-zokkor, it-terminu "bla zokkor miżjud" għandu jiġi permess għall-meraq tal-frott inkluż fil-Parti I, il-punt 1 tal-Anness I, bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel<sup>1</sup>. Sa [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-użu ta' dan il-kliem għandu jiġi revedut.**

---

<sup>1</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 1**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 – paragrafu 4 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4b. F'każ ta' meraq tal-frott li huwa rikostitwit minn konċentrat, l-ismijiet tal-prodott għandhom jinkludu l-indikazzjoni "minn konċentrat" jew "meraq tal-frott rikostitwit minn konċentrat" b'tipa li tkun tal-anqas nofs id-daqs ta' dawk użati għall-indikazzjoni tal-meraq tal-frott.**

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 1**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 - paragrafu 4 c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4c. Għandhom isiru kontrolli biex ikun żgurat li l-ebda żerriegħa tal-frott ma tkun preżenti fil-prodott finali tal-meraq. F'każijiet fejn iż-żrieragħ jistgħu jkunu preżenti fil-prodott finali tal-meraq, għandu jkun hemm tikkettar li jsemmi b'mod ċar il-preżenza possibbli ta' żrieragħ.**

*Ġustifikazzjoni*

*Xi konsumaturi jistgħu jbatu minn allerġiji minn żrieragħ li jkunu kkonsumati waqt ix-xorb ta' meraq tal-frott. Tikkettar ċar jista' jgħin jipproteġi l-konsumaturi minn reazzjonijiet negattivi.*

## **Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 1**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 3 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5. Iż-żieda ta' aktar polpa jew ċelloli mal-meraq tal-frott kif iddefinit fil-punt 7 tal-Anness II għandha tissemma fuq it-tikketta.**

## **Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 2**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

It-tikkettar tal-meraq tal-frott ikkonċentrat li saret referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti I tal-Anness I li mhux maħsub li jitwassal għand il-konsumatur finali, għandu jkollu

It-tikkettar tal-meraq tal-frott ikkonċentrat li saret referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti I tal-Anness I li mhux maħsub li jitwassal għand il-konsumatur finali, għandu jkollu

fuqu referenza li tindika l-preżenza u l-kwantità tal-meraq tal-lumi miżjud, tal-meraq tal-lajm miżjud jew tal-aġenti aċidifikanti miżjuda permessi mir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel. Din ir-referenza għandha tidher fuq il-pakkett, ***fuq tikketta mwaħħla mal-pakkett jew fuq dokument li jakkumpanja l-prodott.***

fuqu referenza li tindika l-preżenza u l-kwantità tal-meraq tal-lumi miżjud, tal-meraq tal-lajm miżjud jew tal-aġenti aċidifikanti miżjuda permessi mir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel. Din ir-referenza għandha tidher fuq il-pakkett. ***Għandu jkun projbit l-użu ta' deskrizzjonijiet qarrieqa jew ambigwi, bħal "meraq tal-frott naturali", li jissuġġerixxu li l-meraq tal-frott ġie prodott direttament minn frott frisk meta dan ma jkunx hekk.***

## **Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda  
Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**  
id-Direttiva 2001/112/KE:  
Artikolu 5 – paragrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Fl-Artikolu 5 għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:***

***'Din id-direttiva tapplika għall-prodotti li ġew manifatturati jew importati fl-UE msemmija fl-Anness I tal-Unjoni Ewropea.'***

## **Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda  
Artikolu 1 – punt - 2 b (ġdid)**  
id-Direttiva 2001/112/KE:  
Artikolu 6 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2b. Dan li ġej għandu jiddaħħal:***

***Artikolu 6a***

## ***Kampanji ta' informazzjoni***

***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu kampanji ta' informazzjoni, kemm b'mod ġenerali kif ukoll fil-punti tal-bejgħ, sabiex jinformaw lill-konsumaturi dwar il-kategoriji differenti ta' meraq tal-frott u ta' prodotti simili introdotti minn din id-Direttiva.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tad-diffikultajiet kurrenti biex wieħed jiddistingwi bejn, pereżempju, 'meraq' u 'nektar' hu essenzjali li jkun żgurat li l-kategoriji definiti mill-Codex u adottati f'din id-direttiva jkunu jinftiehem b'mod ċar mill-konsumaturi.*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 3**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex din id-Direttiva tinġieb f'konformità mal-progress tekniku u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadatta l-Annessi, ħliet għall-Parti I tal-Anness I u għall-Anness II.

#### *Emenda*

Sabiex din id-Direttiva tinġieb f'konformità mal-progress tekniku u sabiex jittieħdu jitqiesu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadatta l-Annessi, ***kif meħtieġ***, ħliet għall-Parti I tal-Anness I, ***għall-Parti II, il-punt 2 (ingredjenti awtorizzati), tal-Anness I u għall-Anness II.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporteur iqies li fid-dawl tad-differenzi eżistenti f'oqsma bħas-sustanzi li jagħtu t-toġħma, id-deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' ingredjenti awtorizzati m'għandhomx jittieħdu permezz ta' atti delegati.*

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 4

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 7 a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Is-setgħat **biex jiġu adottati l-atti** delegati msemmija f'din id-Direttiva għandhom **jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni** għal **perjodu** ta' **żmien indefinit**.

#### *Emenda*

1. Is-setgħat **ta' adożzjoni ta' atti** delegati msemmija f'din id-Direttiva għandhom **jingħataw lill-Kummissjoni** għal **perjodu** ta' **ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva**. **Fil-każ li ma jkun hemm ebda raġuni jew li ma ssir ebda talba espliċita biex jinbidlu aspetti speċifiċi ta' din id-Direttiva, dan il-perjodu għandu jitqies bħala li għandu jiġi estiż.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fin-nuqqas ta' bidliet sostanzjali li jiġġustifikaw reviżjoni tad-direttiva, il-Kummissjoni tista' tagħmel użu mill-hekk imsejjaħ mekkaniżmu ta' 'tiġdid taċitu'.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 4

id-Direttiva 2001/112/KE:

Artikolu 7a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż **b'xahar**.

#### *Emenda*

Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jittawwal **b'xahrejn**.

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva – att li jemenda Artikolu 2 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 2a*

#### *Perjodu tranżitorju*

***Għandu jkun hemm perjodu tranżitorju ta' 18-il xahar li jibda mid-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva, sabiex jitneħħa l-istokk eżistenti li jkun diġà fis-suq u jiġi provdut perjodu ta' adattament għal-leġiżlazzjoni l-ġdida.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Perjodu tranżitorju ta' 18-il xahar, miżjud mal-perjodu tat-traspożizzjoni, se jippermetti perjodu globali ta' tliet snin għall-industriji u l-produtturi Ewropew fil-pajjiżi terzi biex jadattaw għal-leġiżlazzjoni l-ġdida.*

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva – att li jemenda Anness

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 1 – punt a – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Palat, polpa u ċelloli ***miksuba b'mezzi fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott*** jistgħu jiġu rikostitwiti fil-meraq.

Palat, polpa u ċelloli ***mill-meraq tal-frott li jiġu separati waqt l-ipproċessar***, jistgħu jergħu jiġu rikostitwiti ***fl-istess*** meraq. ***Din id-dispożizzjoni ma tistax tapplika għar-rikostituzzjoni tat-togħma tal-ananas, tal-għeneb u tat-tadam, peress li dan il-proċess huma teknoloġikament impossibbli.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni tipproponi li jingħata l-permess għal żieda fit-togħma, fil-polpa u fiċ-ċelloli mill-istess speċi ta' frott, billi skont id-Direttiva attwali t-togħma biss mill-istess proċess ta' produzzjoni tista' tiżdied ma' meraq li mhux ikkonċentrat. Dan għandu jinżamm hekk ħalli l-kwalità għolja tal-prodott tkun garantita u jkunu milqugħa l-aspettazzjonijiet tal-konsumaturi.*

*Il-Konsumaturi jistennew li jsibu prodott li huwa naturali kemm jista' jkun u li jkun ipproċessat mill-inqas.*

*Il-formulazzjoni użata fid-Direttiva attwali 2001/112/KE. Sabiex ma jitfixklux l-konsumaturi, huwa xieraq għall-meraq tal-frott li t-togħma, il-polpa u ċ-ċelloli mill-meraq tal-frott li huma separati waqt l-ipproċessar jistgħu jkunu rikostitwiti fl-istess meraq.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

#### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 1 – punt a – subparagrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Uħud mit-tipi ta' meraq jistgħu jiġu pproċessati minn frott b'żerriergħa rqiq, b'żerriergħa u bil-qoxra, li ġeneralment ma jiġux inkorporati fil-meraq; madankollu, partijiet jew komponenti miż-żerriergħa rqiq, miż-żerriergħa u mill-qoxra li ma jistgħux jitneħħew bi prattiki tajba tal-manifattura għandhom jiġu aċċettati.

#### *Emenda*

Uħud mit-tipi ta' meraq jistgħu jiġu pproċessati minn frott b'żerriergħa rqiq, b'żerriergħa u bil-qoxra, li ġeneralment ma jiġux inkorporati fil-meraq; **meta jkun meħieġ, madankollu**, partijiet jew komponenti miż-żerriergħa rqiq, miż-żerriergħa u mill-qoxra li ma jistgħux jitneħħew bi prattiki tajba tal-manifattura għandhom jiġu aċċettati.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan ma jfissirx li wieħed ikun jista' jagħmel dan meta jkun jixtieq, iżda biss meta dan ikun indispensabbli.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

#### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 1 – punt b – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-prodott miksub bir-rikostituzzjoni **tal-meraq** tal-frott ikkonċentrat **iddefinit fil-Parti I.2** b'**ilma tajjeb għax-xorb li jissodisfa l-kriterji tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998**

#### *Emenda*

Il-prodott miksub bir-rikostituzzjoni **fil-meraq** tal-frott ikkonċentrat **tal-ilma li tneħħa minn dak il-meraq waqt il-proċess ta' konċentrar, u, jekk xieraq, tal-polpa u taċ-ċelloli li ntilfu mill-meraq. L-ilma**



*dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem\*.*

*miżjud għandu juri karatteristiċi xierqa, partikolament mill-lati kimiċi, mikrobijoloġiċi u organoleptiċi, b'tali mod sabiex jiggarrantixxu l-kwalitajiet essenzjali tal-meraq.*

\* *GI L 330, 5.12.1998, p. 32.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-ilma użat biex jirrikostwixxi l-meraq mill-konċentrat għandu jilħaq ċerti kundizzjonijiet ukoll sabiex jinżammu l-karatteristiċi essenzjali fiżiċi, kimiċi u nutrittivi ta' tip medju ta' meraq miksub minn frott tal-istess sura. Il-kwalità waħedha tal-ilma potabbli mhix dejjem biżżejjed. Ir-regoli eżistenti, li skonthom l-ilma għandu jilħaq kundizzjonijiet partikulari, għandhom għalhekk jibqgħu japplikaw.*

### **Emenda 21**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

##### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 1 – punt b – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fil-każ tar-ribes/passolina sewda, tal-gwava, tal-mango u tal-frotta tal-fjura tal-Passjoni (passion fruit), il-valuri minimi tal-grad Brix għandhom japplikaw biss għal meraq tal-frott rikostitwit u għal puré tal-frott rikostitwit prodotti fl-Unjoni Ewropea.*

*imħassar*

### **Emenda 22**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

##### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 1 – punt b – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Palat, polpa u ċelloli miksuba b'mezzi

Palat, polpa u ċelloli miksuba b'mezzi

fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott jistgħu jiġu rikostitwiti fil-meraq.

fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott jistgħu jiġu rikostitwiti fil-meraq. **Meta tiġi rikostitwita t-togħma, iż-żieda tat-togħma għandha tissemma fuq it-tikketta tal-prodott tal-meraq tal-frott.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-konsumaturi għandhom ikunu informati meta t-togħma hija rikostitwita għal prodott ta' konċentrat ta' meraq tal-frott.*

### **Emenda 23**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

##### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 5 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub biż-żieda ta' ilma **u/jew** ta' zokkor u/jew ta' għasel mal-prodotti ddefiniti fil-Partijiet I.1, I.2, I.3 u I.4, ma' puré tal-frott u/jew ma' puré tal-frott ikkonċentrat u/jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, b'dak il-prodott, barra minn hekk, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IV.

#### *Emenda*

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub biż-żieda ta' ilma, **b'żieda** ta' zokkor u/jew ta' għasel **jew mingħajrha** mal-prodotti ddefiniti fil-Partijiet I.1, I.2, I.3 u I.4, ma' puré tal-frott u/jew ma' puré tal-frott ikkonċentrat u/jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, b'dak il-prodott, barra minn hekk, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IV.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-raġuni tal-emenda: l-ilma dejjem għandu jiżdied biex jinkiseb in-nektar; hija ż-żieda tas-sustanzi li jagħtu l-ħlewwa li hija fakultattiva.*

### **Emenda 24**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti I – punt 5 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fejn in-nektars ta' frott jiġu manifatturati

#### *Emenda*

Fejn in-nektars ta' frott jiġu manifatturati

mingħajr zokkor miżjud jew b'valur **baxx** ta' enerġija, iz-zokkor jista' jiġi sostitwit b'mod sħiħ jew parzjali b'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

mingħajr zokkor miżjud jew b'valur **imnaqqas** ta' enerġija, iz-zokkor jista' jiġi sostitwit b'mod sħiħ jew parzjali b'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

### *Ġustifikazzjoni*

*Emenda lingwistika b'konformità mar-Regolament 1924/2009 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel.*

### **Emenda 25**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I - parti II - punt 2 - inċiż 6 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– Jekk il-prodott ikun filh aċidu karboniku miżjud, l-indikazzjoni "miżjud bl-aċidu karboniku" jew "bil-gass" għandha tidher fuq it-tikketta maġenb id-deskrizzjoni tal-prodott;**

### **Emenda 26**

#### **Proposta għal direttiva – att li jemenda Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness I – parti II – punt 2 – inċiż 6 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**– Il-meraq miksub minn *Citrus reticulata* u/jew minn ibridi tas-*Citrus reticulata* jistgħu jiżdiedu mal-meraq tal-larinġ fi proporzjon li ma jaqbiżx l-10% tas-solidi tas-*Citrus reticulata* li jinħallu f'relazzjoni mal-ammont totali tas-solidi tal-meraq tal-larinġ li jinħallu. Kull tali żieda għandha tissemma fil-lista tal-ingredjenti, kif diġà stipulat fil-leġiżlazzjoni fis-seħħ.**

## **Emenda 27**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

#### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness II – punt 1 – subparagrafu -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-frott ma jridx ikun imħassar, irid ikun misjur biżżejjed u frisk jew ippreservat b'mezzi fiżiċi jew bi trattamenti, inklużi t-trattamenti wara l-ġbir, applikati skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-frażi għandha tissemma bħala l-ewwel punt biex tkun tista' tapplika għall-bqija tal-anness. F'ġieħ iċ-ċarezza, jeħtieġ li jissema li t-trattament(i) wara l-ġbir huma wkoll ikkonċernati minn dan.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva – att li jemenda**

#### **Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness II – punt 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-frott ma jridx ikun imħassar, irid ikun misjur, u frisk jew ippreservat b'mezzi fiżiċi jew bi trattament(i) applikat(i) skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni Ewropea.*** ***imħassar***

#### *Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-emenda preċedenti, dan is-subparagrafu qed jiġi trasferit. Dan il-paragrafu jixraq iktar li jiddaħħa fil-punt preċedenti taħt id-definizzjoni ġenerali ta' 'frott'.*

## **Emenda 29**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness V – linja 6a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Grapefruit Sweetie***

***Citrus x paradisi, Citrus grandis***

**10**

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness V – linja 8 – kolonna 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Citrus limon (L.) Burm. f.

Citrus limon (L.) Burm. f.

***Citrus limonium Risso***

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Anness**

id-Direttiva 2001/112/KE:

Anness V – linja 8a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Lajm***

***Citrus aurantifolia (Christm.)***

**8**

## NOTA SPJEGATTIVA

Is-settur tal-meraq tal-frott u ta' ċerti prodotti simili jirrappreżenta industrija ta' daqs konsiderevoli fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, biex nieħdu eżempju wieħed biss, ta' min jinnota li iktar minn 82% tal-meraq tal-larinġ ikkonsmat fl-Ewropa jiġu prinċipalment mill-Brażil u mill-Istati Uniti. Fi kliem ieħor, inqas minn 20% tal-meraq tal-larinġ ikkonsmat fl-UE huwa prodott hawn.

Fil-każ tal-frott taċ-ċitru, l-industrija tal-ipproċessar Ewropea, għall-kuntrarju tal-kompetituri internazzjonali maġġuri tagħha, hija fergħa kumplimentari u sussidjarja tas-suq tal-prodotti friski. L-ipproċessar spiss jintuża bħala soluzzjoni għall-frott li hu eskluż mis-suq tal-prodotti friski minħabba l-apparenza tiegħu (daqs, difetti) imma li jkun aċċettabbli perfettament bħala sors ta' meraq ta' kwalità għolja. Bħala kuntrast, fl-Istati Uniti u l-Brażil il-parti l-kbira tal-varjetajiet tal-frott użati jiġu kultivati speċifikament għall-ipproċessar. Filwaqt li ż-żewġ mudelli ta' produzzjoni huwa validi b'mod ugwali, ta' min jinnota li meta mqabbla mal-prezz ambjentali għoli (l-emissjonijiet tas-CO<sup>2</sup> relatati mat-trasport) tal-importazzjoni fuq skala kbira, l-industrija sussidjarja Ewropea mhux biss tipprovd i użu għal kwalunkwe produzzjoni żejda, imma toffri wkoll benefiċċji ambjentali billi tiżgura li l-frott kollu jinġabar (u b'hekk tevita l-qerda ta' prodotti li ma jkunux xierqa għall-bejgħ dirett jew li dawn jitħallew fil-kampanja u b'hekk titħeġġeġ il-proliferazzjoni tal-pesta) u mill-perspettiva soċjali u ekonomika tiġġenera l-valur miżjud tal-ħolqien tal-impjiegi u l-ġid.

Għalhekk, hu importanti li s-settur Ewropew jiġi appoġġat billi d-Direttiva ssir konformi mal-liġi internazzjonali u mal-Codex u jiġu stabbiliti l-istess regoli għall-prodotti kollha mqiegħda fis-suq tat-territorju Komunitarju. L-għan, kif iddikjarat fil-premessi tad-Direttiva, huwa li jingħata kontribut liċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn il-prodotti. Madankollu, hu importanti wkoll li jiġu kjarifikati r-regoli dwar it-tikkettar, il-klassifikazzjoni tal-prodotti, l-ingredjenti awtorizzati u l-ammissibilità ta' ċerti prattiki. Ir-reviżjoni proposta se tibbenefika wkoll prodotti importati li diġà qed jitqiegħdu fis-suq fl-UE, peress li l-direttiva l-ġdida se tagħti lill-produtturi fil-pajjiżi terzi l-opportunità li jtejbu l-kwalità tal-prodotti tagħhom permezz ta' proċessi ta' produzzjoni aktar sostenibbli. L-eżistenza ta' sett wieħed ta' regoli għal kulħadd se sservi wkoll biex jiġu evitati l-frodi u l-kompetizzjoni inġusta u se tgħin biex tagħmel informazzjoni aktar ċara disponibbli għall-konsumaturi.

Is-suċċess ewlieni kemm tad-Direttiva kif ukoll tar-reviżjoni proposta tagħha hu bla dubju l-insistenza tagħhom fuq iż-żamma tad-denominazzjoni doppja li tidistingwi l-meraq magħsur minn dak magħmul minn konċentrat, kif ukoll il-ħolqien ta' kategoriji kif definit fl-Anness I. Madankollu, l-ewwel ftit snin minn meta d-Direttiva daħlet fis-seħħ urew ukoll b'mod ċar li, fil-prattika, il-konsumaturi jsibuha diffiċli biex jiddistingwu b'mod ċar bejn kategoriji differenti ta' prodotti koperti mid-Direttiva. Wara li kellu sensiela ta' laqgħat ma' gruppi tal-konsumaturi, ir-rapporteur innota li teżisti konfużjoni konsiderevoli, speċjalment fir-rigward tad-differenza bejn 'meraq' u 'nektar'. Huwa partikolarment importanti din id-differenza tiġi ċċarata fid-dawl tal-preżenza jew tal-assenza ta' zokkor f'dawn il-prodotti, li hija kwistjoni ta' tħassib partikolari għal gruppi ta' konsumaturi bi bżonnijiet speċifiċi (dijabetiċi, tfa, persuni bi problemi ta' piż, eċċ.). Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur iqis li l-frażi 'mingħajr zokkor miżjud' għandha tkompli titħalla tintuża għall-meraq tal-frott tal-kategorija 1. Fir-rigward ta' 'nektar', ir-rapporteur jemmen li m'hemm l-ebda bżonn għal dikjarazzjoni obbligatorja tal-kontenut taz-zokkor, minbarra dik li diġà hija rikjesta mil-leġiżlazzjoni attwali dwar il-listi

tal-ingredjenti.

Huwa importanti li dawn il-miżuri jiġu appoġġati minn kampanji ta' informazzjoni mmirati biex ineħħu n-nuqqas attwali ta' fehim. Il-konsumaturi għandhom id-dritt li jkunu jafu eżattament liema tip ta' prodott qed jakkwistaw.

Fattur ieħor ewlieni ta' din ir-reviżjoni huwa li din tagħmel id-direttiva iktar konformi mal-Codex Alimentarius. Madankollu, jidher li l-Kummissjoni tixtieq li tħaddan ċerti aspetti tal-Codex, filwaqt li tinjora oħrajn li fil-fatt huma inklużi fil-leġiżlazzjoni internazzjonali. Ir-rapporteur jiffavorixxi l-applikazzjoni ta' sett wieħed ta' standards għall-meraq tal-frott u għall-prodotti relatati kollha fis-suq tal-UE, u jiġbed l-attenzjoni partikolari għall-prattiki li ma jagħmlux ħsara bħaż-żieda ta' meraq tal-mandolin mal-meraq tal-larinġ, li mhux biss jintensifika l-kulur u t-togħma, iżda f'xi każi jissodisfa d-domanda minn ċerti kategoriji ta' konsumaturi. Fl-istudju bl-isem "Il-meraq tal-mandolin itejjeb l-istatus antiossidant tat-tfal b'kolesterol għoli", intwera li l-meraq tal-mandolin għandu riżultati ta' benefiċċju fit-tnaqqis tal-livelli tal-kolesterol fit-tfal.

Għalhekk, m'għandu jkun hemm ebda raġuni biex l-produtturi Ewropej ma jitħallewx jużaw proċessi li jinvolvu ż-żieda tal-mandolin filwaqt li dawn ikomplu jintużaw fil-manifattura ta' prodotti mill-Brażil u l-Istati Uniti.

Fir-rigward tal-kontroversja dwar ir-rikostituzzjoni tat-togħma, u b'kunsiderazzjoni tal-problemi tekniċi kollha involuti, ir-rapporteur huwa sodisfatt bil-proposta tal-Kummissjoni li din għandha tibqa' fakoltattiva, bid-dispożizzjoni li l-togħma rikostitwita għandha fil-każi kollha tiġi 'mill-istess speċi ta' frott' pjuttost milli 'mill-istess frota'.

Għalkemm ftit fil-kwantità, il-bidliet proposti mill-Kummissjoni jirrappreżentaw bidla kwalitattiva kbira għall-industrija u jeħtieġu perjodu ta' tranżizzjoni garantit ta' sa 18-il xahar. Dan, miżjuda mal-perjodu ta' trażpożizzjoni, se jagħti total ta' tliet snin reali li fihom għandu jintuża l-istokk manifatturat skont l-istandards antiki u biex il-prattiki u t-tagħmir teknoloġiċi jsiru konformi mal-ħtiġijiet ġodda.

Għalkemm ir-rapporteur jaqbel mal-maġġoranza tal-premessi tar-reviżjoni proposta tal-Kummissjoni, huwa għandu xi riżervi dwar ir-rwol ta' dik l-istituzzjoni fil-futur, u speċifikament rigward l-atti delegati. Għalhekk jidher xieraq li l-paragrafu 1 tal-Artikolu 7a jinbidel biex jillimita l-poteri tal-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati minn "perjodu ta' żmien indetfinit" għal ħames snin. Ir-rapporteuru daħħal ukoll il-possibilità li wieħed jipproċedi bit-tiġdid taċitu, jekk wara ħames snin ma jkun hemm ebda bidla sostanzjali li tiġġustifika revizzjoni tar-regoli.

Rigward ir-rwol tal-Kummissjoni, ir-rapporteur jesprimi dubbi dwar kemm hu rakkomandabbli li r-reviżjoni tal-ingredjenti awtorizzati (l-Anness I, 2.2) titħalla taħt il-proċedura tal-atti delegati, meta din kienet wieħed mill-punti li ġġeneraw l-iktar nuqqas ta' qbil fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill sal-ġurnata tal-lum.

Finalment, fil-proċess tal-abbozzar ta' dan ir-rapport ġew skoperti diversi problemi f'rabta ma' ċerti tipi ta' meraq prodotti f'pajjiżi speċifiċi, kif ukoll diffikultajiet ikkawżati mill-ismijiet użati għal frott, prodotti u ingredjenti differnti bid-diversi lingwi Komunitarji. Dan ir-rapport

jistieden lill-delegazzjonijiet nazzjonali biex jippreżentaw kwalunkwe korrezzjoni li jqisu meħtieġa, sabiex jagħmlu l-leġislazzjoni li tirriżulta effiċenti kemm jista' jkun.

L-Unjoni Ewropea tipproduċi meraq tal-frott ta' kwalità għolja li jikkontribwixxi għal dieta sana u bbilanċata u jiġi manifatturat skont l-istandards ta' sostenibilità appoġġati mil-liġijiet tagħna. Għalhekk, huwa ġust li niddefendu dawn l-istess standards għolja ta' kwalità għall-prodotti kollha li jiġu kkummerċjalizzati fl-UE. Mingħajr ma jfittex li jiddubita dwar kwalunkwe forma ta' politika tal-importazzjoni, dan ir-rapport jiffavorixxi l-konsum ta' prodotti lokali, daww li m'għandhom għalfejn jiġu trasportati fuq distanzi kbar, u b'hekk jiġġeneraw l-emissjonijiet tas-CO<sup>2</sup>, li huma prodotti b'kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol li huma aċċettabbli skont il-liġi Komunitarja u li huma manifatturati skont il-prinċipji ta' sikurezza tal-ikel stabbiliti mill-UE. Din mhix kwistjoni ta' protezzjoniżmu Ewropew, imma din tirrifletti l-ilħuq kontinwu tas-sostenibilità fis-setturi kollha tal-ekonomija tagħna. Il-kwalità ġenerali ta' prodott tista' titkejjel ukoll mill-kwalità etika tiegħu, il-kwalità ekoloġiku tiegħu u mill-kwalità soċjali tiegħu.



3.5.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI**

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem  
(COM(2010)0490 – C7-0278/2010 – 2010/0254(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Vasilica Viorica Dăncilă

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi emendata għat-tieni darba d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman tistabilixxi r-regoli li jirregolaw il-kompożizzjoni, l-użu ta' deskrizzjonijiet riżervati, l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattura u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati, sabiex ikun żgurat il-moviment ħieles tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

L-ewwel emenda saret fl-2009 u kellha l-għan partikolari li tintroduċi valuri minimi ta' gradazzjoni Brix (kontenut ta' materja xotta solubbli) biex jiġu evitati l-falsifikazzjonijiet dovuti għal ammonti wisq kbar ta' ilma. Il-proposta li tressqet issa tikkonferma d-distinzjoni bejn il-meraq tal-frott (miksub b'taġhsir sempliċi tal-frott) u l-meraq tal-frott abbażi ta' meraq ikkonċentrat (miksub billi tiżdied mal-meraq tal-frott ikkonċentrat l-istess kwantità ta' ilma bħal dik estratta matul il-konċentrazzjoni), u tissimplifika d-dispożizzjonijiet rigward ir-radd tal-aromi, tipprevedi l-eliminazzjoni taz-zokkor mil-lista tal-ingredjenti awtorizzati (madankollu ż-żieda taz-zokkor tibqa' awtorizzata biex jingħataw toġhma ħelwa n-nektars tal-frott) u tinkludi t-tadama fil-lista tal-frottijiet iddestinati għall-produzzjoni tal-meraq tal-frott. Permezz ta' din l-emenda l-ġdida, il-Kummissjoni biħsiebha timplimenta numru ikbar ta' dispożizzjonijiet ta' standards tal-Codex Alimentarius u tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (AIJN).

Għalkemm iz-zokkor tneħħa mil-lista ta' ingredjenti awtorizzati fuq talba tal-industrija, dan jista' jwassal għal effett negattiv jekk, għall-inqas għal perjodu limitat, ma tiġix awtorizzata l-possibilità ta' indikazzjoni "mingħajr zokkor miżjud" fuq it-tikketti. Fil-fatt, diffiċli wieħed jara kif il-konsumatur jista' jkun jaf immedjatament dwar il-fatt li ż-żieda taz-zokkor issa

mhix permessa u li l-uniku zokkor jiġi mill-frotta nnifisha. Għalhekk hemm riskju li l-konsumatur jiġi żvijat u jaħseb li ġie miżjud iz-zokkor meta jara li l-meraq li mdorri jixrob ma jsemmix il-frażi "mingħajr zokkor miżjud". Ir-riskju huwa saħansitra ikbar peress li, fuq l-ixkafef tal-ħwienet, dan il-prodott se jibqa' jitqiegħed ħdejn xarbiet abbażi tal-frott li, peress li mhumiex ikkonċernati minn din id-direttiva, se jibqgħu jgħibu l-frażi "mingħajr zokkor miżjud". Jeħtieġ għalhekk li l-industrija tingħata biżżejjed żmien biex tikkomunika mal-konsumatur u tinformah.

F'dak li jikkonċerna l-perjodu meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' din id-direttiva fl-Istati Membri, lil hinn mill-perjodu ta' 18-il xahar, għandu jiġi previst perjodu ieħor ta' 18-il xahar biex l-industrija tkun tista' tispiċċa l-istokkijiet eżistenti.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Sabiex jittejjeb il-moviment ħieles tal-meraq tal-frott u ta' ċerti prodotti simili fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman stabbiliet dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-produzzjoni, il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati skont il-progress tekniku u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, partikolarment l-Istandard tal-Codex għall-meraq tal-frott u għan-nektars (Standard tal-Codex 247-2005) li ġie adottat mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius waqt it-28 sessjoni tagħha tal-4-9 ta' Lulju 2005 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (AIJN).

##### *Emenda*

(1) Sabiex jittejjeb il-moviment ħieles tal-meraq tal-frott u ta' ċerti prodotti simili fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman stabbiliet dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-produzzjoni, il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati skont il-progress tekniku u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, partikolarment l-Istandard tal-Codex għall-meraq tal-frott u għan-nektars (Standard tal-Codex 247-2005) li ġie adottat mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius waqt it-28 sessjoni tagħha tal-4-9 ta' Lulju 2005 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (AIJN). ***Ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-direttiva għandhom***

*japplikaw bl-istess mod għal prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni kif ukoll għal prodotti importati.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet, għandha tapplika d-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u (5) tagħha. Għandu jkun indikat b'mod ċar meta prodott ikun taħlita ta' meraq tal-frott u ta' meraq tal-frott minn konċentrat u, għannektar tal-frott, meta jinkiseb b'mod sħiħ jew parzjali minn prodott ikkonċentrat. Il-lista tal-ingredjenti fit-tikkettar għandha tinkludi l-ismijiet sew tal-meraq tal-frott kif ukoll tal-meraq tal-frott minn konċentrat li ntużaw.

*Emenda*

(3) Bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet, għandha tapplika d-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u (5) tagħha. Għandu jkun indikat b'mod ċar meta prodott ikun taħlita ta' meraq tal-frott u ta' meraq tal-frott minn konċentrat u, għannektar tal-frott, meta jinkiseb b'mod sħiħ jew parzjali minn prodott ikkonċentrat. Il-lista tal-ingredjenti fit-tikkettar għandha tinkludi l-ismijiet sew tal-meraq tal-frott kif ukoll tal-meraq tal-frott minn konċentrat li ntużaw. ***L-użu ta' deskrizzjonijiet qarrieqa jew ambigwi, bħal "meraq tal-frott pur u naturali", li jagħtu l-impressjoni falsa li l-prodott huwa meraq tal-frott magħmul minn frott frisk, għandhom jiġu pprojbiti.***

## **Emenda 3**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Il-frażi "mingħajr zokkor miżjud" ilha tintuża żmien twil għall-meraq tal-frott. It-tneħħija mil-lum għall-għada ta' indikazzjoni ta' dan it-tip tista' tiżvija l-***

*konsumaturi u twassalhom biex iduru lejn xarbiel oħra li jindikaw din l-informazzjoni. Jeħtieġ għalhekk tiġi prevista deroga għal perjodu limitat biex l-industrija jkollha biżżejjed żmien biex tinforma b'mod adegwat lill-konsumaturi.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

##### **Artikolu 1 – punt 1**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 3 – punt 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3) Għall-prodotti manifatturati minn żewġ frottiet jew aktar, ħliet fejn jintuża l-meraq tal-lumi u tal-lajm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II.2 tal-Anness I, l-ismijiet tal-prodotti għandhom ikunu supplimentati b'lista tal-frott użat, f'ordni mill-akbar sal-anqas **volum** tal-meraq tal-frott jew tal-purejiet tal-frott inkluż. Madankollu, fil-każ ta' prodotti manifatturati minn tliet frottiet jew aktar, l-indikazzjoni tal-frott użat tista' tiġi sostitwita bil-kliem 'ħafna frott' jew kliem simili, jew mill-għadd ta' frott użat.

##### *Emenda*

3) Għall-prodotti manifatturati minn żewġ frottiet jew aktar, ħliet fejn jintuża l-meraq tal-lumi u tal-lajm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II.2 tal-Anness I, l-ismijiet tal-prodotti għandhom ikunu supplimentati b'lista tal-frott użat, f'ordni mill-akbar sal-anqas **piż** tal-meraq tal-frott jew tal-purejiet tal-frott inkluż. Madankollu, fil-każ ta' prodotti manifatturati minn tliet frottiet jew aktar, l-indikazzjoni tal-frott użat tista' tiġi sostitwita bil-kliem 'ħafna frott' jew kliem simili, jew mill-għadd ta' frott użat.

##### *Ġustifikazzjoni*

*Skont il-Punt 8.1.1.7 tal-Kodiċi Stan 247 (2005).*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

##### **Artikolu 1 – punt 1**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Il-frażi “mingħajr zokkor miżjud” tista’ tintuża għat-tikkettar tal-meraq, bi qbil mar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1924/2006 tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel<sup>1</sup>. Wara [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-direttiva], din il-frażi għandha tiġi vvalutata mill-ġdid.**

<sup>1</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

## **Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att emendatorju**

**Artikolu 1 – punt 1**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 3 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4) Għal meraq ta’ frott li ngħataw il-ħlewwa biż-żieda taz-zokkrijiet, l-isem tal-bejgħ għandu jinkludi l-kelma "sweetened" jew "biz-zokkor miżjud", segwit minn indikazzjoni tal-kwantità ta’ zokkor miżjud, ikkalkulat bħala materja xotta u espressa fi grammi għal kull litru.

4) **Iż-żieda ta’ zokkrijiet jew ta’ għasel hija awtorizzata, bħala 'sweetener', fin-nettari tal-frott u f’ċerti prodotti msemmija fl-Anness III. Il-produttur għandu jindika fuq it-tikketta tal-prodott il-kwantità ta’ zokkor miżjud, ikkalkulat bħala materja xotta u espressa fi grammi għal kull litru.**

## **Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att emendatorju**

**Artikolu 1 – punt 1**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) F’każ ta’ meraq tal-frott li huwa rikostitwit minn konċentrat, id-**

*deskrizzjoni tal-bejgħ għandha tinkludi l-indikazzjoni "minn konċentrat" jew "meraq tal-frott rikostitwit" f'ittri li huma għall-anqas nofs id-daqs ta' dawg għall-indikazzjoni tal-meraq tal-frott.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

#### **Artikolu 1 – punt 2**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

It-tikkettar tal-meraq tal-frott ikkonċentrat li saret referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti I tal-Anness I li mhux maħsub li jitwassal għand il-konsumatur finali, għandu jkollu fuqu referenza li tindika l-preżenza u l-kwantità tal-meraq tal-lumi miżjud, tal-meraq tal-lajm miżjud jew tal-aġenti aċidifikanti miżjuda permessi mir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel\*. Din ir-referenza għandha tidher fuq il-pakkett, fuq tikketta mwaħħla mal-pakkett jew fuq dokument li jakkumpanja l-prodott.

#### *Emenda*

It-tikkettar tal-meraq tal-frott ikkonċentrat li saret referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti I tal-Anness I li mhux maħsub li jitwassal għand il-konsumatur finali, għandu jkollu fuqu referenza li tindika l-preżenza u l-kwantità tal-meraq tal-lumi miżjud, tal-meraq tal-lajm miżjud jew tal-aġenti aċidifikanti miżjuda permessi mir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel\*. Din ir-referenza għandha tidher fuq il-pakkett, fuq tikketta mwaħħla mal-pakkett jew fuq dokument li jakkumpanja l-prodott. ***L-użu ta' deskrizzjonijiet qarrieqa jew ambigwi, bħal "meraq tal-frott pur u naturali", li jagħtu l-impressjoni falsa li l-prodott huwa meraq tal-frott magħmul minn frott frisk, għandhom jiġu pprojbiti.***

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

#### **Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Fl-Artikolu 5, għandu jiġi miżjud is-sottoparagrafu 1a li ġej:*

*“ Din id-direttiva tapplika għall-prodotti li ġew manifatturati jew importati fl-UE msemmija fl-Anness I tal-Unjoni Ewropea.”*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Artikolu 1 – punt 3**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 7 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Sabiex din id-Direttiva tinġieb f'konformità mal-progress tekniku u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadatta l-Annessi, ħlief għall-Parti I tal-Anness I u għall-Anness II.

Sabiex din id-Direttiva tinġieb f'konformità mal-progress tekniku u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tista', ***jekk ikun il-każ***, permezz ta' atti delegati, tadatta l-Annessi, ħlief għall-Parti I tal-Anness I u għall-Anness II.

## **Emenda 11**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Artikolu 1 – punt 4**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 7a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmija f'din id-Direttiva għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta' żmien indefinit***.

1. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmija f'din id-Direttiva għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta' żmien ta' ħames snin sa mid-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva. Mhux iktar tard minn disa' xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar it-trasferiment***

## **Emenda 12**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

#### **Artikolu 1 – punt 4**

Direttiva 2001/112/KE

Artikolu 7a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahar.***

#### *Emenda*

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn.***

## **Emenda 13**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom ***idahlhu fis-seħħ*** il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva ***sa mhux iktar tard minn*** 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom ***jadottaw*** il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva ***qabel l-iskadenza ta'*** 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.



## **Emenda 14**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet imsemmija sa minn [tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva].*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Artikolu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 2a**

#### **Miżuri tranżitorji**

*Il-prodotti mqiegħda fis-suq jew ittikkettati qabel ma l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-direttiva jistgħu jibqgħu jiġu kummerċjalizzati matul żmien massimu ta' tmintax-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ mill-Istati Membri.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu previsti miżuri tranżitorji għall-prodotti kummerċjalizzati jew ittikkettati fil-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ u t-traspożizzjoni fil-leġislazzjonijiet nazzjonali.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Anness Direttiva 2001/112/KE Anness I – parti I – punt 1 – punt a – subparagrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Uħud mit-tipi ta' meraq jistgħu jiġu pproċessati minn frott b'zerriergha rqiqa,*

*Uħud mit-tipi ta' meraq jistgħu jiġu pproċessati minn frott b'zerriergha rqiqa,*

b'żerriegħa u bil-qoxra, li ġeneralment ma jiġux inkorporati fil-meraq; madankollu, partijiet jew komponenti miż-żerriegħa rqiqa, miż-żerriegħa u mill-qoxra li ma jistgħux jitneħħew bi prattiki tajba tal-manifattura għandhom jiġu aċċettati.

b'żerriegħa u bil-qoxra, li ġeneralment ma jiġux inkorporati fil-meraq; madankollu, **meta dan ikun neċessarju**, partijiet jew komponenti miż-żerriegħa rqiqa, miż-żerriegħa u mill-qoxra li ma jistgħux jitneħħew bi prattiki tajba tal-manifattura għandhom jiġu aċċettati.

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan ma jfissirx li wieħed ikun jista' jagħmel dan meta jkun jixtieq, iżda biss meta dan ikun indispensabbli.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

#### **Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness I – parti I – punt 1 – punt b – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Fil-każ tar-ribes/passolina sewda, tal-gwava, tal-mango u tal-frotta tal-fjura tal-Passjoni (passion fruit), il-valuri minimi tal-grad Brix għandhom japplikaw biss għal meraq tal-frott rikostitwit u għal puré tal-frott rikostitwit prodotti fl-Unjoni Ewropea.***

***imħassar***

## **Emenda 18**

### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

#### **Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness I – parti I – punt 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub biż-żieda ta' ilma **u/jew** ta' zokkor u/jew ta' għasel mal-prodotti ddefiniti fil-Partijiet I.1, I.2, I.3 u I.4, ma'

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub biż-żieda ta' ilma **biż-żieda jew bla żieda** ta' zokkor u/jew ta' għasel mal-prodotti ddefiniti fil-Partijiet

puré tal-frott u/jew ma' puré tal-frott ikkonċentrat u/jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, b'dak il-prodott, barra minn hekk, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IV.

I.1, I.2, I.3 u I.4, ma' puré tal-frott u/jew ma' puré tal-frott ikkonċentrat u/jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, b'dak il-prodott, barra minn hekk, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IV.

### *Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda tal-ilma dejjem hi indispensabbli biex jinkiseb nektar. Hija ż-żieda ta' prodotti taz-zokkor li hija fakultattiva.*

### **Emenda 19**

#### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness I – parti II – punt 2 – subparagrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***– jekk il-prodott ikun fih aċidu karboniku miżjud, l-indikazzjoni "miżjud bl-aċidu karboniku" jew "bil-gass" għandha tidher fuq it-tikketta maġenb id-deskrizzjoni tal-prodott;***

### **Emenda 20**

#### **Proposta għal direttiva – att emendatorju Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness I – parti II – punt 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Mal-meraq tat-tadam u mal-meraq tat-tadam minn ***konċentrat*** jistgħu jiġu miżjuda melħ, ħwawar u ħxejjex aromatiċi.

Mal-meraq tat-tadam ***u tal-karrotti*** u mal-meraq tad-tadam ***u tal-karrotti*** minn konċentrat jistgħu jiġu miżjuda melħ, ħwawar u ħxejjex aromatiċi ***kif ukoll estratti naturali tagħhom.***

### **Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att emendatorju**

**Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness I – parti II – punt 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*F'każ li l-meraq tal-frott tat-tadam u tal-karrotti jkun fihom ħwawar u/jew ħwawar aromatiċi, l-indikazzjoni "mħawwar" u/jew id-deskrizzjoni li tintuża tat-taħwir aromatiku għandha tidher fuq it-tikketta maġenb id-deskrizzjoni tal-meraq tal-frott.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att emendatorju**

**Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness II – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Frott

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tadama wkoll *għandha tiġi kkunsidrata* bħala *frotta*.

1. Frott

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tadama *u l-karrotta* wkoll *għandhom jiġu kkunsidrati* bħala *frott*.

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att emendatorju**

**Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness II – punt 1 – subparagrafu -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-frott ma jridx ikun imħassar, irid ikun misjur biżżejjed u frisk jew ippreservat b'mezzi fiżiċi jew bi trattamenti, inklużi t-trattamenti wara l-ġbir, applikati skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea.*

## *Ġustifikazzjoni*

*Din il-frażi għandha tissemma bħala l-ewwel punt biex tkun tista' tapplika għall-bqija tal-anness. F'għieħ iċ-ċarezza, jeħtieġ li jissemma li t-trattament(i) wara l-ġbir huma wkoll ikkonċernati minn dan.*

### **Emenda 24**

#### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

##### **Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness V – linja 6a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Grapefruit Sweetie***

***Citrus x paradisi, Citrus grandis***

***10***

### **Emenda 25**

#### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

##### **Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness V – linja 8 – kolonna 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Citrus limon (L.) Burm. f.

Citrus limon (L.) Burm. f.

***Citrus limonium Risso***

### **Emenda 26**

#### **Proposta għal direttiva – att emendatorju**

##### **Anness**

Direttiva 2001/112/KE

Anness V – linja 8a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Lajm***

*Citrus aurantifolia* (Christm.)

8

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem
<b>Referenzi</b>	COM(2010)0490 – C7-0278/2010 – 2010/0254(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b>	ENVI
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 23.9.2010
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Vasilica Viorica Dăncilă 29.9.2010
<b>Eżami fil-kumitat</b>	28.3.2011
<b>Data tal-adozzjoni</b>	2.5.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30 –: 1 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Luis Manuel Capoulas Santos, Vasilica Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Iratxe García Pérez, Béla Glattfelder, Esther Herranz García, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Agnès Le Brun, George Lyon, Gabriel Mato Adrover, Mariya Nedelcheva, Rareş-Lucian Niculescu, Wojciech Michał Olejniczak, Georgios Papastamkos, Marit Paulsen, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Giancarlo Scottà, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Salvatore Caronna, Spyros Danellis, Marian Harkin, Giovanni La Via, Astrid Lulling, Milan Zver
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eider Gardiazábal Rubial

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirtigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem
<b>Referenzi</b>	COM(2010)0490 – C7-0278/2010 – 2010/0254(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	21.9.2010
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 23.9.2010
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 23.9.2010
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Andres Perello      Andres Perello Rodriguez            Rodriguez 15.12.2010            15.12.2010
<b>Artikolu 51 - Laqgħat konġunti ta' kumitati</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	18.4.2011
<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.5.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                    41 –:                    9 0:                    4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Milan Cabrnoc, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Nick Griffin, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Gilles Pargneaux, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Vittorio Prodi, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Åsa Westlund, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eider Gardiazábal Rubial, Matthias Groote, Riikka Manner, Marisa Matias, Judith A. Merkies, James Nicholson, Marit Paulsen, Michail Tremopoulos, Anna Záborská
<b>Data tat-tressiq</b>	9.6.2011